A.L. 63 ta' l-1993

ATT DWAR AWTORITÀ DWAR IT-TRASPORT PUBBLIKU (KAP. 332)

Regolamenti ta' l-1993 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Vetturi bil-Mutur (Tariffa ta' Nolijiet) (Emenda Nru. 2)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 27 ta' l-Att dwar Awtorità dwar it-Trasport Pubbliku, l-Awtorità dwar it-Trasport Pubbliku, bil-kunsens tal-Ministru għat-Trasport u Komunikazzjoni, għamlet ir-regolamenti li ġejjin:—

Titolu u bidu fis-seħħ.
A.L. 14 ta' l-1982.

1. (1) Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu r-Regolamenti ta' l-1993 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Vetturi bil-Mutur (Tariffa ta' Nolijiet) (Emenda Nru. 2), u għandhom jinqraw u jiftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti ta' l-1982 dwar il-Vetturi bil-Mutur (Tariffa ta' Nolijiet), hawnhekk iżjed il-quddiem imsejħa "ir-regolamenti prinċipali".

(2) Dawn ir-regolamenti għandhom jibdew iseħħu fl-24 ta' Mejju, 1993.

Jissostitwixxi t-Tabella II ta' l-Ewwel Skeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali.

2. Minflok it-Tabella II ta' l-Ewwel Skeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"TABELLA II

SERVIZZ GĦAL GĦAWDEX — NOLIJIET GĦAL OMNIBUSIJIET BIL-MUTUR

Għal kull traġitt fl-istess belt jew raħal	4c
Għal kull traġitt bejn bliet jew irħula differenti	9c
Tfal bejn l-età ta' 3 snin u 10 snin iħallsu	5c

Tfal li jkunu sejrin jew ġejjin minn xi skola matul il-perijodi murijin fil-paragrafu 13 tad-dispożizzjonijiet ġenerali għandhom iħallsu 5c jekk ikollhom permess validu.".